SANTA LUĊIJA

# Pjan ta' Ħidma 2018

Il-Kunsill qed jippreżenta pjan ta' ħidma għas-sena 2018. Dan il-pjan jinkludi proġetti pendenti kif ukoll proġetti u inizjattivi ġodda li l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuqhom matul is-sena.

## 1. Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2018

Bħal kull sena l-Kunsill ser jingħata allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali biex ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu skond il-funzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tiegħu. L-allokazzjoni li ser jirċievi l-Kunsill għas-sena 2018 tammonta għas-somma ta' €334,796.00 li hija mqassma skond il-funzjonijiet kif jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| **Funzjonijiet** | **€uro** |
|---|---|
| **Manutenzjoni Żoni Urbani** | **50571.49** |
| **Manutenzjoni Żoni Rurali** | **1389.13** |
| **Knis** | **30,102.33** |
| **Tindif Żoni Rurali** | **603.67** |
| **Waste Tipping Fees** | **11,276.00** |
| **Amministrazzjoni** | **93,568.58** |
| **Żamma u Manutenzjoni ta' Ġonna u Green Areas** | **93,574.70** |
| **Immanigjar ta' Skart** | **53,709.88** |
| **Total** | **334,796.00** |

## 2 PROĠETTI SENA 2018

### *2.1 Upgrading ta' parti mill-Promenade*

Il-Kunsill qed jaħdem mal-Fondazzjoni Gal Xlokk fuq proposta ta' proġett immirat biex iħalli mpatt posittiv fuq l-ħajja fit-territorju tax-Xlokk. Dan il-proġett jinvolvi l-*upgrading* ta' parti li ma taqbiżx it-52 metru kwadru, tal-promenade fil-bidu ta' Dawret it-Torri in-naħa tal-Wied. Il-Kunsill huwa nfurmat li l-proposta tal-GAL Xlokk għaddiet għand l-Awtoritajiet u l-ewwel miżura relatata mal-Kunsilli Lokali mistennija tinħareġ fl-ewwel nofs ta' din is-sena.

### *2.2 Kisi ta' toroq f'Wied Garnaw*

Din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jagħmel xogħol ta' kisi ta' żewġ toroq f'Wied Garnaw. Bħalissa qed isiru l-preparamenti neċessarji biex tinħareġ sejħa pubblika biex jintgħażel il-kuntrattur fuq dan ix-xogħol.

### *2.3 Proġett taċ-Ċentru tal-Komunita'*

Il-Kunsill ser jibqa jitkellem mal-Gvern Ċentrali dwar il-proposta ta' bini ta' Ċentru tal-Komunita'. Il-Kunsill huwa konxju li biex isir dan il-proġett hemm bżonn li jġib l-finanzjarment għalih u għalhekk ser jibqa' jagħmel dak kollu possibli biex dan il-proġett jitwettaq.

### *2.4 Kordinament ta' Proġetti ma' Trasport Malta*

#### *2.4.1 Proġett tat-Tunnels f'Triq tal-Barrani*

Din is-sena l-Kunsill ser ikollu jiffaċċja sfidi kbar hekk kif jibda l-proġett tat-*tunnels* fi Triq tal-Barrani. Dan il-proġett irid jitlesta mal-proġett tal-Junction tal-Marsa. Diġa bdew taħdidiet preliminari biex il-Kunsill ikun infurmat kif dan il-proġett ser jolqot il-lokalita' ta' Santa Luċija b'mod partikulari l-*area* tal-Jogging Track. Huwa mistenni li fil-ġimgħat li ġejjin jitkomplew in-negozjati bejn il-Kunsill u Trasport Malta fuq dak li jista' jitqies bħala l-akbar proġett tal-Gvern Ċentrali f'dawn in-naħat.

### *2.4.2 Proġett tat-Traffic Light Junction f'Luqa Bye-Pass*

Il-Kunsill għadu kif ġie nfurmat minn Trasport Malta li dan il-proġett qed jiġi rivedut biex jiġi *in line* mal-proġett tat-*tunnels* fi triq tal-Barrani li ser isiru mal-proġett tal-Marsa. Il-proġett tat-*tunnels* huwa proġett li ser jaffettwa ir-*roundabout* ta' Santa Luċija u l-*areas* tal-madwar. Għaldaqstant mhux ser jinbeda xogħol fuq it-*traffic light junction* biex ftit wara jkollu jiġi alterat.

### *2.4.3 Resurfacing ta' Toroq*

Kif ġie mħabbar mill-Gvern Ċentrali, ix-xogħol fuq *resurfacing* tat-toroq mhux ser tibqa' jsir mill-fondi li l-Gvern jalloka għal Kunsilli Lokali iżda t-toroq kollha ser isiru mill-Gvern Ċentrali. Hekk kif jingħata bidu għal dan il-proġett, il-Kunsill ser ikun qed jikkordina ma' Trasport Malta dwar toroq li ser isiru fil-lokalita'. Madanakollu l-Kunsill qed jibqa jinsisti li Triq Pepprin issir mill-fondi allokati mill-Gvern Ċentrali fuq toroq residenzjali fil-budget għas-sena 2018.

### *2.4.4 Sistema ta' CCTV Cameras*

Din is-sena l-Kunsill qed jippjana biex jagħmel *market research* fuq sistemi ta' CCTV Cameras li hawn fis-suq. L-għan hu li jkun hemm sorveljanza aħjar ta' diversi fil-lokalita'. Dan il-proġett irid isir bil-kollaborazzjoni tal-pulizija. Il-Kunsill diġa identifika tlett żoni li fihom ser jingħata bidu għal dan il-proġett u dawn huma Pjazza 7 ta' Lulju, Dorell Place u Wied Garnaw.

### *2.4.5 Europe for Citizens – Proġett Flows*

F'Marzu ta' din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jimplimenta l-proġett Flows – li jittratta dwar l-isfidi li qed jiffaċċjaw il-pajjiżi fl-Ewropa fir-rigward tal-immigrazzjoni. Għal dan il-għan ser issir konferenza organizzata mill-Kunsill ta' Santa Luċija li għaliha ser jipparteċipaw mhux inqas minn għaxar lokalitajiet minn pajjiżi differenti fl-Ewropa. Waqt dan l-avveniment il-Kunsill ser ikun qed jiffirma ġemellaġġ mal-belt ta' Lubriano fl-Italja. Lubriano huwa partners mal-Kunsill ta' Santa Luċija fuq il-proġett Flows.

## 3. XOGĦOL TA' UPGRADING

### *3.1 Xogħol fuq upgrading ta' bankini*

Din is-sena l-Kunsill ser ikun qed jiffoka fuq xogħol ta' *upgrading* ta' bankini. Il-Kunsill ser ikun qed iwettaq dan ix-xogħol skond prioritajiet li ser ikunu identifikati mill-Kunsill u skond il-fondi disponibbli.

### *3.2 Xogħol fuq upgrading ta' Pjazez u Playing Field*

Il-Kunsill ser ikompli jwettaq xogħol ta' manutenzjoni ta' pjazez u l-*playing field*. Dan ix-xogħol ser isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill li ser ikunu qed iwettqu xogħol ieħor ta' manutenzjoni fuq sinjali u marki tat-toroq kif ukoll *minor patching.*

### *3.2 Upgrading tal-Berġa*

Il-Kunsill ser ikompli jgħamel *upgrading* tal-berġa u din is-sena ser ikun qed jinstalla aktar *air conditioners* biex il-kmamar kollha jkollom l-arja kundizzjonata. Il-Kunsill huwa wkoll komess li jagħmel ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-Berġa skond il-bżonn.

## 4. ATTIVITAJIET INDIRIZZATI LEJN IL-KOMUNITA':

### *4.1 Attivitajiet u inizzjattivi*

Il-Kunsill ser ikompli jaħdem biex ikomplu jsiru attivitajiet indirizzati lejn il-komunita' fosthom:

- Keep fit Classes
- Korsijiet tal-Computer
- Ħarġiet
- Attivitajiet Kulturali
- Koperazzjoni bejn il-Kunsill u t-tmexxija ta' Day Care Centre
- Għajnuna fit-tagħlim għat-tfal u żgħażagh wara l-ħinijiet tal-iskola
- Koperazzjoni mal-Awtorita' tad-Djar fuq xogħol ta' manutenzjoni tal-komun tal-blokks tal-Gvern

- Koperazzjoni maċ-Ċentru Leap fuq problemi soċjali
- Koperazzjoni mal-Fondazzjoni Right to Smile fuq il-Homework Club
- Kordinazzjoni bejn entitajiet governattivi li qed jorganizzaw korsijiet marbuta' mas-saħħa bħal taħdidiet min-nies professjonali f'dan il-qasam u organizzazjoni ta' korsijiet bħal dak li beda f'din is-sena Piz Tajjeb Tul Ħajtek
- Ikompli l-kordinarjament tal-kors għat-tfal – Aqra Miegħi.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Terrence Ellul**
**Sindku**